# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-18 t'Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 503/2012**

**Clayton Cassar**
**(I.D. 0589185 M)**

**vs.**

**Charmaine Grima**
**(I.D. 0010580 G)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-21 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi waqt li ghall-habta tal-5.15a.m. tat-13 ta' Settembru, 2007, kien qed jaghmel xi xogholijiet fi Triq Lapsi, is-Siggiewi, safa' mtajjar minn vettura tal-marka *Mitsubishi Pajero* bin numbru KBD – 185 misjuqa mill-intimata;

1.2. Illi l-incident sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja, velocita` eccessiva u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku daparti tal-intimata;

1.3. Illi rizultat tal-incident *de quo* garrab danni ingenti rizultanti f'debilita` permanenti u fi sfregju, oltre hsarat fil-vettura tieghu tal-marka *Mazda 323* bin-numru IAS – 348;

1.4. Illi ghalkemm interpellata biex tersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni, l-intimata baqghet inadempjenti;

1.5. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimata tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara li l-intimata hi unikament responsabbli ghall-incident in dizamina u ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti rizultat tal-istess;

1.5.2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti in konsegwenza tal-imsemmi incident, okkorrendo bl-opra ta' periti *nominandi*;

1.5.3. Tikkundanna lill-intimata biex thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;

1.5.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-25 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu:

2.1. Appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 4); u

2.2. Tat dawk l-ordnijiet procedurali li dehrilha fir-rigward ghall-ahjar konduzzjoni tal-istess procedura, (ara foll 5);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-11 ta' Gunju, 2012, li permezz taghha l-intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 9):

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti *stante* li:

3.1.1. L-incident sehh bi htija tar-rikorrenti stess;

3.1.2. L-intimata fil-fatt giet liberata mill-akkuzi dedotti kontra taghha fil-Qorti tal-Magistrati b'sentenza datata l-20 t'April, 2012, li ghaddiet in gudikat, (ara foll 11);

3.1.3. M'hemmx danni x'jigu likwidati;

3.2. Illi fi kwalunkwe kaz id-danni pretizi mir-rikorrenti huma kkontestati;

3.3. Illi ghalhekk id-danni pretizi jridu jigu ppruvati;

3.4. Salv risposti ulterjuri skont il-ligi;

4.0. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-27 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu, (ara foll 22):

4.1. Innominat assistent gudizzjarju biex jassistiha, (ara wkoll foll 25); u

4.2. Innominat espert ortopediku biex jassistiha, (ara wkoll foll 23);

5. Rat l-ordni ta' trasferiment ta' kawzi datat it-13 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu l-procedura odjerna giet ri-assenjata lil din il-qorti kif issa preseduta, (ara foll 70A);

6. Rat id-digrieti taghha kif issa preseduta datati il-14 t'Ottubru, 2014, li permezz taghhom, wara talba appozita datata z-19 ta' Frar, 2014, u talba ohra kongunta datata l-14 t'Ottubru, 2014, - (ara foll 165) appuntat lill-espert mediku hemm indikat biex jezamina lir-rikorrenti u jirredigi rapport kif hemm indikat, (ara foll 71, 71A, 165 u 167);

7. Rat id-digriet taghha datat iz-17 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata biex tirritorna l-inkartament kollu fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 160);

8. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta' Jannar, 2018, li permezz tieghu wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 228), u kif sussegwentement estiz, (ara foll 229 u 238);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-23 ta' Mejju, 2018, (ara foll 230);

10. Tirrileva li ghalkemm fuq talba tal-istess abbli rapprezentant legali tal-intimata estendiet it-terminu biex din tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 238);

11. Semghet ix-xhieda prodotta;

12. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati ipprezentati *in atti*, flimkien mal-istorja medika tar-rikorrenti, (ara foll 40A), u mal-process tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Numru 428/2008, fl-ismijiet Spettur Jesmond J. Borg vs. Charmaine Grima, (anness ma din il-procedura);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu deklinati sintetikament tal-mod segwenti:

13.1. Illi ghall-habta tal-4.45a.m. u l-5.15a.m. tat-13 ta' Settembru, 2007, waqt li r-rikorrenti kien qieghed jaghmel xi xoghol fi Triq Lapsi, s-Siggiewi, safa' imtajjar mill-vettura tal-marka *Mitsubishi Pajero* numru KBD – 185 misjuga mill-intimata, (ara foll 27B u 48);

13.2. Illi fil-hin tal-incident ir-rikorrenti kien qieghed jaghmel il-konkos ghal rampa li taghti ghall-ghalqa biex jaghlaq l-entratura tal-ghalqa tieghu, (ara foll 27A u 207);

13.3. Illi konsegwenza tal-incident *de quo* ir-rikorrenti isosstni li garrab dizabilita` u sfregju permanenti (ara foll 27C), oltre hsarat fil-vettura tieghu, (ara foll 1);

13.4. Illi r-rikorrenti jsosstni li l-intimata hi responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghall-hsarat kollha minnu subiti, (ara foll 142);

13.5. Illi l-intimata tirrespingi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li hi kienet responsabbli ghall-incident *de quo* u ghall-hsarat naxxenti mill-istess, (ara foll 9 u 173);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi mill-atti prodotti f'din il-procedura jirrizulta sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tal-5.00a.m. tat-13 ta' Settembru, 2007, (ara foll 1 tal-imsemmi process verbal), jew tal-5.30a.m. tal-istess gurnata, (ara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata l-20 t'April, 2012, (a foll 11);

14.2. Illi fir-rapport tal-Pulizijia hemm espressament indikat – *nonostante* dak allegat mir-rikorrenti – li:

> "Fuq il-post gie nnotat li kien hemm dlam cappa u ma kienx hemm dawl tal-Gvern", (ara foll 48) u foll 17 u 25 tal-process kriminali fuq indikat);

14.3. Illi waqt li r-rikorrenti kien qed jaghmel il-konkos kif fuq indikat hu kellu mixghul id-*dim lights* iz-zghar nett tal-vettura tieghu, (ara foll 26 tal-process kriminali fuq riferit), u *emergency light* konsistenti f'tubu abjad fuq ic-cint, (ara foll 13);

14.4. Illi ma jirrizultax li r-rikorrenti pogga t-triangolu tal-emergenza fit-triq biex jindika li kien hemm xi emergenza fuq il-post, (ara foll 99 tal-process kriminali fuq riferit);

14.5. Illi lanqas jirrizulta lir-rikorrenti kien liebes xi *"high visibility vest"* li hu *sine quo non* f'sitwazzjoni bhal din, (ara foll 48);

14.6. Illi skont l-esperti medici nominati *in atti* jirrizulta li r-rikorrenti l-ewwel kien certifikat li sofra dizabilita` permanenti ta' 15%, (ara foll 61), u sussegwentement, kien certifikat li sofra dizabilita` permanenti t'4%, (ara foll 197 u 205);

Ikkunsidrat:

15. Illi jigi sottolineat li fil-procedura kriminali l-intimata giet liberata mill-akkuzi prodotti kontra taghha, u dan, b'sentenza datata l-20 t'April, 2012, (ara foll 11), li ghaddiet in gudikat, (ara foll 9);

Ikkunsidrat:

16. Illi pero` jigi sottolineat li fil-procedura odjerna issa l-partijiet huma marbuta bil-limitazzjonijiet naxxenti mill-kamp ta' procedura civili fejn kuntrarju ghall-kamp kriminali, issa jkun bizzejjed li l-qorti tkun konvinta fuq bazi ta' probabilita` biex it-talbiet tar-rikorrenti jkunu jistghu jigu akkordati;

17. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Frank Brincat *et* vs. Claudia Camilleri *et*** datata t-**30 ta' Mejju, 2014**, li irriteniet is-segwenti:

> "F'kawza civili d-decizjoni trid tinghata fuq preponderanza tal-provi u din il-qorti fic-cirkostanzi tal-kaz, hi konvinta skont dawn il-parametri li r-rikorrenti appellati ressqu provi li jikkonvincuha mill-fatt li l-intimata appellanti kienet responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Naturalment ukoll hemm differenza kbira fl-oneru tal-prova bejn kawza civili u kawza kriminali. Ghalhekk, ir-referenza tal-appellanti ghall-kawza kriminali dwar l-incident in kwistjoni u li fiha hi giet liberata ma ghandha ebda rilevanza f'dan ir-rigward";

Ikkunsidrat:

18. Illi konstatat is-suespost, imiss issa li jsir analizi tal-provi kollha migbura, kemm mill-process verbal, kemm mill-procedura kriminali in dizamina, formanti parti mill-process odjern, u mill-atti odjerni – izda, indipendentement mis-sentenza mehuda fil-kamp kriminali fuq riferita fejn l-istess intimata giet liberata mill-inputazzjonijiet dedotti kontra taghha;

Ikkunsidrat:

19. Illi fil-mertu rigwardanti r-responsabilita` jirrizulta pacifiku li fil-kamp civili japplikaw l-artikli 1031 sa 1033 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 16), li jistabbilixxu s-segwenti:

> "1031. Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu;
>
> "1032. (1). Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;
>
> (2). Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar;
>
> "1033. Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk";

Ikkunsidrat:

20. Illi mir-rizultanzi *in atti* kif fuq delineati l-imsemmi rikorrenti jsosstni li l-incident sehh tort tal-intimata;

21. Illi min-naha taghha, l-intimata ssosstni li l-incident *de quo* ma kienx tort taghha;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi skont l-espert tekniku nominat fl-Inkjesta Magisterjali, (ara foll 12 tal-process verbal), jirrizulta li fl-esekuzzjoni tax-xoghol tieghu fuq riferit, ir-rikorrenti kien obbligat:

22.1. Jiehu dawk il-prekawzjonijiet stipulati minn normi tas-Sahha u s-Sigurta` u tal-*Highway Code*;

22.2. Jitlob permess mill-awtoritajiet ikkoncernati;

22.3. Li dawn l-awtoritajiet jiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega biex jigi eliminat kull periklu ghall-pubbliku;

23. Illi jirrizulta li r-rikorrenti m'ghamel xejn minn dan;

24. Illi ghalhekk, rizultat tan-nuqqasijiet fuq indikati l-istess espert tekniku jikkonkludi li l-intimata kellha diffikulta` biex tevita l-incident *de quo*, *stante* li allura ma setghax ikollha zmien bizzejjed biex tirreagixxi fil-hin ghar-realta` li holoq ir-rikorrenti, u b'hekk, tevita l-inpatt li eventwalment sehh;

Ikkunsidrat:

25. Illi ghalhekk din il-qorti, ezaminat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, hi sodisfatta li l-intimata mhix risponsabbli ghall-incident in dizamina li hu biss imputabbli ghan-negligenza tar-rikorrenti;

26.0. Illi l-konkluzjoni indikata fil-paragrafu precedenti hi ippernjata fuq is-segwenti:

26.1. Illi r-rikorrenti kien qed jahdem fi triq li kienet dlam cappa;

26.2. Illi fit-triq ma kienx hemm dawl pubbliku;

26.3. Illi ghalkemm ir-rikorrenti jsosstni li kellu d-dawl tal-karozza, (li rrizulta li kien id-*dim lights* u *emergency light* zghir), l-intimata ssosstni li d-dawl tal-istess ma kienx jidher mit-triq, *stante* li l-istess dwal kienu indirizzati fuq l-

*area* fejn ir-rikorrenti kien qed jaghgen il-konkos u mhux fuq it-triq biex jindikaw il-prezenza tieghu lill-vetturi li jistghu jkunu ghaddejjin mill-akkwati;

26.4. Illi ghalhekk id-dawl uzat mir-rikorrenti ma kien qed jaghti l-ebda twissija lill-utenti ohra li setghu juzaw l-istess triq;

27. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li kien l-istess rikorrenti li ikkawza l-incident li minnhu qieghed jilmenta f'dawn l-atti;

28. Illi *di piu`*, jirrizulta li l-intimata kienet qed issuq b'velocita` baxxa ta' 34 mil fis-siegha, (ara foll 43 tar-relazzjoni tal-perit tekniku fl-atti tal-process verbal in dizamina);

29. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta wkoll li fid-dawl tas-suespost, lanqas jista' jinghad li l-intimata ikkontribwiet ghall-incident in dizamina;

Ikkonsidrat:

30. Illi fis-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***Millenium Insurance Agency Limited et*** vs. ***Elmo Insurance Limited proprio et nomine***, datata l-**11 ta' Jannar, 2018**, gie ritenut fir-rigward is-segwenti:

> "Certament ma jirrizultax li l-intimat naqas milli jzomm '*a proper lookout*' jew b'xi mod kien traskurat fis-sewqan tieghu kif qeghdin jippretendu r-rikorrenti. '*A proper lookout*' ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar '*in plain view*'";

Ikkunsidrat:

31.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li kien ir-rikorrenti Clayton Cassar li kien traskurat u negligenti meta biex jaghmel ix-xogholijiet li deherlu li kellu jaghmel:

31.1. Imblokka parzjalment il-karreggjata tal-intimata;

31.2. Ghamel dan minghajr ma utilizza s-senjaletika li kien obbligat li juza;

31.3. Ghamel dan minghajr ma kien liebes ilbies luminixxenti li bih setgha jigi facilment indikat;

31.4. Ghamel dan minghajr ma kellu dawl adegwat biex jidentifikah;

31.5. Ghamel dan minghajr ma ottjena l-permessi necessarji biex ikun jista' jintraprendi il-progett li kellu f'mohhu;

Ikkunsidrat:

32. Illi kif ikkonkluda l-istess espert tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti, rizultat ta' dan kollu l-intimata tpoggiet f'posizzjoni li ma setghetx tevita l-incident *de quo*, (ara foll 12 tal-imsemmi process verbal);

Ikkunsidrat:

33.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqas jipprova t-talbiet tieghu kif kontenuti fl-imsemmi rikors guramentat promotur, u konsegwentement:

**DECIDE:**

33.1. Takkolji r-risposti tal-intimata Charmaine Grima;

33.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti Clayton Cassar;

33.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti fuq indikat.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**